**29 ta' April, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Rose Mary Pengelly

**Kwerela - Rinunzja - Setgħa tal-Qorti li Torbot il-Ħati b'Obbligi**

*Ir-reċess tal-kwerelant ma jista' jkollu ebda effett fuq proċeduri kriminali (ħlief għall-finijiet ta' mitigazzjoni ta' piena) ġaladarba l-azzjoni dwar reat ta' kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet, tajjeb jew ħażin, qed titmexxa mill-pulizija* ex officio.

*Ir-rinunzja tal-kwerela ma tistax tkun soġġetta għal xi kundizzjoni, għax tali kundizzjoni neċessarjament timporta li l-Qorti jkollha tagħmilha ta' medjatur jew sensar bejn il-partijiet, mentri l-Qorti qiegħda hemm biss biex tiddeċidi* juxta allegata et probata. *Huwa biss l-akkużat li jista' ma jaċċettax ir-rinunzja tal-kwerela, f'liema każ il-kawża tibqa' għaddejja.*

*L-hekk imsejjaħ* precett *jew* binding over ai termini *ta' l-artikolu 383*

*tal-Kodiċi Kriminali hu applikabbli biss meta jkun hemm lok ta' piena, u dan kif jirriżulta ċar mill-kliem adoperati mil-leġislatur fis-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu: "... flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat ...".*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva, b'ċitazzjoni ddatata 13 ta' Novembru, 1996 kontra Rose Mary Pengelly talli fit-28 ta' Awissu, 1996 għal ħabta tat-3.00 p.m. fi Triq Resort, San Pawl il-Baħar, inġurjat lil Monica Galea;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-3 ta' Diċembru, 1996, li fil-parti disposittiva tagħha tgħid hekk: "(Il-) kwerelanta tirrinunzja għall-azzjoni kriminali prevja garanzija a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9; Rat l-artikolu 339 (e) tal-Kap. 9; Proċeduri eżawriti stante rinunzja; L-imputata Rose Mary Pengelly qed tobbliga ruħha li ma tkellimx, ma ddejjaqx u ma timmolestax lil Monica Galea u dan taħt peanli ta' Lm100, fin-nuqqas bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9, għal sena"; fl-atti tal-kawża hemm imbagħad il-formula ta' l-obbligazzjoni għas-sigurtà ta' persuna u biex jinżamm il-bon ordni, debitament iffirmata mill-imsemmija Mary Rose Pengelly;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Mary Rose Pengelly, minnha ppreżentat fis-6 ta' Diċembru, 1996, li permezz tagħha hija talbet ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluża d-deċiżjoni preliminari tad-19 ta' Jannar, 1998 dwar il-preġudizzjali tal-preskrizzjoni; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Dak li ser jiġi deċiż issa huwa l-meritu. Bażikament l-

appellanti tikkontendi li ġaladarba kien hemm rinunzja tal-kwerela u proċediment eżawrit, ma setgħetx tiġi imposta l-garanzija skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali. Kemm mis-sentenza appellata kif ukoll mill-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' Diċembru, 1996, jirriżulta li f'dik il-ġurnata (i.e. 3 ta' Diċembru, 1996) il-kwerelanti (presumibbilment Monica Galea) irrinunzjat għall-proċeduri jew għall-azzjoni kriminali kontra l-appellant, allura imputata, "prevja garanzija" a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9". L-ewwelnett din il-Qorti tosserva li dan ma kienx każ fejn il-kwerelanti setgħet tirrinunzja għall-azzjoni penali peress li l-prosekuzzjoni kienet qed titmexxa mill-pulizija *ex officio* (ara f'dan ir-rigward, is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tat-12 ta' Settembru, 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Pietru Cutajar**);

Fit-tieni lok jiġi osservat li r-rinunzja tal-kwerela ma tistax tkun soġġetta għal xi kundizzjoni, għax tali kundizzjoni neċessarjament timporta li l-Qorti jkollha tagħmilha ta' medjatur jew sensar bejn il-partijiet, mentri l-Qorti qiegħda hemm biss biex tiddeċidi *juxta allegata et probata*. Huwa biss l-akkużat jew imputat li jista' ma jaċċettax ir-rinunzja tal-kwerela, f'liema każ il-kawża tibqa' għadejja (artikolu 545 (2), Kap. 9);

Però, f'dan il-każ l-Ewwel Qorti ddikjarat proċediment eżawrit, u ma hemm ebda appell da parti tal-prosekuzzjoni. Ma kien hemm, għalhekk, ebda kundanna. Konsegwentement ma setax jiġi applikat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-hekk imsejjaħ "preċett" jew "binding over" hu applikabbli biss meta jkun hemm lok ta' piena, u dan kif jirriżulta ċar mill-kliem adoperati mil-leġislatur fis-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu 383: "... flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat ..." Għalhekk l-appell ser jiġi akkolt;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti li tgħid "L-imputata Rose Mary Pengelly qed tobbliga ruħha li ma tkellimx, ma ddejjaqx u ma timmolestax lil Monica Galea u dan taħt penali ta' Lm100, fin-nuqqas bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9, għal sena", u konsegwentement tiddikjara nulla u bla effett l-obbligazzjoni ffirmata mill-appellanti fit-3 ta' Diċembru, 1996, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.